

Brussell, 20 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

14503/23

PECHE 469  
DELECT 162

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 6750 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 12.10.2023 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 fir-rigward tal-volumi ta' preparazzjonijiet tal-ikel, gambli pproċessati tal-ispeċi <i>Pandalus borealis</i> u ċertu plywood ta' speċijiet koniferi li jistgħu jiġu importati taħt il-kwoti tariffarji 09.0013, 09.0047, 09.0088 u 09.0096

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 6750 final.

Mehmuż: C(2023) 6750 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 12.10.2023  
C(2023) 6750 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 12.10.2023**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 fir-rigward tal-volumi ta' preparazzjonijiet tal-ikel, gambli pproċessati tal-ispeċi *Pandalus borealis* u ċertu plywood ta' speċijiet koniferi li jistgħu jiġu importati taħt il-kwoti tariffarji 09.0013, 09.0047, 09.0088 u 09.0096**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000<sup>1</sup> jiftaħ u jipprovdi, fost l-oħrajn, għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Komunità skont il-Ftehim Ġenerali tal-1994 dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT).

Fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea u wara negozjati mal-Istati Uniti skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE, l-UE qablet li temenda ċerti kwoti tariffarji fir-rigward tal-volumi li għandhom jiġu importati.

Għalhekk huwa neċessarju li r-Regolament (KE) Nru 32/2000 jiġi emendat.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Fil-5 ta' Marzu 2021, wara l-konklużjoni tan-negozjati tagħhom, l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerka taw bidu għal Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994, relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri dwar l-abbozz tat-test fil-Grupp ta' Esperti Doganali – Taqšima tal-Miżuri tat-Tariffi.

Minbarra xi talbiet għal korrezzjonijiet lingwistiċi, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kummenti matul dan l-eżerċizzju ta' konsultazzjoni.

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

Il-bażi legali għal dan ir-Regolament delegat tinsab fl-Artikolu 10a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 li, għall-fini tat-tqassim tal-kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda tal-konċessjonijiet u l-impenji tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, jipprevedi d-delega tas-setgħa lill-Kummissjoni biex temenda l-Anness I tagħha sabiex tqis, fost l-oħrajn, kwalunkwe ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, dwar il-kwoti tariffarji msemmija f'dak l-Anness I.

Dan l-att delegat jemenda l-volumi tal-kwoti tariffarji 09.0013, 09.0047, 09.0088 u 09.0096 wara l-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerka.

---

<sup>1</sup> ĠU L 5, 8.1.2000, p. 1.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 12.10.2023

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 fir-rigward tal-volumi ta' preparazzjonijiet tal-ikel, gambli pproċessati tal-ispeċi *Pandalus borealis* u ċertu plywood ta' speċijiet koniferi li jistgħu jiġu importati taħt il-kwoti tariffarji 09.0013, 09.0047, 09.0088 u 09.0096**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Komunità marbutin fil-GATT u ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità oħra u li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-aġġustament tal-kwoti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1808/95<sup>1</sup>, speċjalment l-Artikolu 10a tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994, relatat mal-modifika ta' konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE b'konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea<sup>2</sup>, ("Il-Ftehim"), approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/912<sup>3</sup>, jemenda ċerti kwoti tariffarji għall-arangi fir-rigward tal-volumi ta' prodotti li għandhom jiġu importati. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fil-2 ta' Mejju 2023<sup>4</sup>. Dawk l-emendi jenħtieġ li jiġu riflessi fir-Regolament (KE) Nru 32/2000.
- (2) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 32/2000 jiġi emendat skont dan.
- (3) Minħabba l-ħtieġa urġenti biex jiġi implimentat il-Ftehim, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Peress li l-emendi magħmula minn dan ir-Regolament japplikaw għall-perjodi tal-kwota tariffarja li jkunu għaddejnin fil-jum tad-dħul fis-seħħ tiegħu, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet tranżitorji għal dawk il-perjodi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## *Artikolu 1*

### **Emendi għar-Regolament (KE) Nru 32/2000**

It-Tabella għall-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 32/2000 hija emendata kif ġej:

<sup>1</sup> ĠU L 5, 8.1.2000, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 119, 5.5.2023, p. 3.

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/912 tal-25 ta' April 2023 dwar l-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tar-rati tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 119, 5.5.2023, p. 1).

<sup>4</sup> ĠU L 135, 23.5.2023, p. 52.

- (a) fir-ringiela għan-numru tas-serje 09.0013, fil-kolonna intitolata “Volum tal-kwota”, il-volum “482 648 m<sup>3</sup>” huwa sostitwit b’“448 500 m<sup>3</sup>”;
- (b) fir-ringiela għan-numru tas-serje 09.0047, fil-kolonna intitolata “Volum tal-kwota”, il-volum “474 tunnellata” huwa sostitwit b’“500 tunnellata”;
- (c) fir-ringiela għan-numru tas-serje 09.0088, fil-kolonna intitolata “Volum tal-kwota”, il-volum “702 tunnellati” huwa sostitwit b’“783 tunnellata”;
- (d) fir-ringiela għan-numru tas-serje 09.0096, fil-kolonna intitolata “Volum tal-kwota”, il-volum “831 tunnellata” huwa sostitwit b’“1 286 tunnellata”.

## *Artikolu 2*

### **Dispożizzjonijiet ta’ tranżizzjoni għall-perjodi attwali tal-kwota tariffarja**

1. Il-volumi disponibbli għall-bqija tal-perjodi tal-kwota tariffarja li għadhom għaddejjin fi [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament] għandha tkun id-differenza bejn il-volumi tal-kwota kif emendati b’dan ir-Regolament u l-volumi tal-kwoti diġà allokati qabel dik id-data.
2. Fil-każ ta’ żieda fil-volum, jekk, fi [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], il-kwoti applikabbli fi [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = il-jum ta’ qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament] ikunu ġew eżawriti, il-volumi tal-kwoti l-ġodda disponibbli għandhom jiġu allokati lill-operaturi skont l-ordni kronoloġika tad-dati ta’ aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali tagħhom għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera. Operaturi li importaw il-merkanzija tagħhom barra mill-kwota qabel [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament] għandhom jiġu rimborżati, fuq talba tagħhom u sa fejn il-bilanċ tal-kwota tariffarja jippermetti dan, id-differenza fid-dazju diġà mħallas.
3. Fil-każ ta’ tnaqqis fil-volum, jekk, fi [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], għall-kwota applikabbli fi [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = il-jum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], volum oġġla mill-volum tal-kwota kif emendat b’dan ir-Regolament ikun ġie rilaxxat għaċ-ċirkolazzjoni libera, l-operaturi ma għandhom ikunu meħtieġa jħallsu l-ebda dazju addizzjonali għall-volumi fil-kwota importati li jaqbżu l-volum ġdid disponibbli.

## *Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12.10.2023

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*